MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Numru 916/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**VS**

**KEITH PACE**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Keith Pace, ta’ 25 sena, bin Lawrence u Emanuela nee’ Vella, imwieled tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Lulju, 1980, residenti fil-fond numru 80, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 327480 (M);

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin mill-istess imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru, 2005 minn garaxx numru 32, Triq K Mifsud, Tal-Pieta' ikkommetta serq ta' zewg pappagalli, liema serq huwa aggravate vil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-lok, u bil-hin, u dan ghad-dannu ta' Edward Grech, U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar id-9 ta' Ottubru, 2005 bejn is-5.40am, u s-6.15am, fil-fond imsejjah St John, Triq San Vincenz, Hamrun, bil-hsieb li jikkometti delitt ta' serq flimkien ma' persuna ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valurl li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-lok,u bil-hin;U aktar talli volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma iktar minn hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar l-1 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tad-9pm, fil-fond numru 134, Triq Brighella, Santa Venera, bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq flimkien ma' persuna ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-lok,u bil-hin;U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli nhar id-9 ta' Ottubru, 2005 u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

5. U fl-ahharnett talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imptutat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 261(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 263 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 261 (e)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 325 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 17 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U kif ukoll l- Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Keith Pace hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jiqieghed Ordni ta' *Probation* ghal zmiet tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------